**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Lulju 2022**

**Rikors nru: 275/2021 AGV**

**EDA**

**vs**

**Dr Cynthia Tommasulo u PL Qurentin Tanti bhala KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPREŻENTAW LILL-ASSENTI EA BIL-PASSAPORT FILIPPIN P8355931A, b' digriet tal- 5 ta' Jannar 2022.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' EDA , detentriċi tal-karta tal-identità numru 204943(A), datat 19 ta' Novembru 2021 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat **Dok A.**

2. Illi minn dan iz-żwieġ twieled tifel bl-isem ta' EAA u li llum huwa maġġorenni, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat **Dok B**.

3. Illi t-tifel illum jirrisjedi fil-Filippini u ma għandu l-ebda intenzjoni li jkompli edukazzjoni terzjarja.

4. Illi ż-żwieg tkisser irrimedjabbilment a kawża ta' abbandun da parti tal-konvenut madwar tlettax-il sena ilu.

5. Illi l-konvenut preżentament jirrisjedi f'Abu Dhabi fl-Emirati Għarab Magħquda.

6. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx peress illi l-konvenut jinsab assenti minn Malta u dan kif jirriżulta mill-anness digriet immarkat **Dok C**.

7. Illi l-attriċi ma kellhiex għażla oħra għajr illi tistitwixxi dawn il-proċeduri.

8. Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżisenti bejn il-partijiet.

3. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali.

4. Tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

U dan salv kwalunkwe dikjarazzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tara xierqa u opportun.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-kuraturi deputati Dr Cynthia Tommasuolo u PL Quentin Tanti, datata 6 ta' April 2022 fejn eccepew is-segwenti:-**

Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u jew numru tat-telefon  tal-assenti sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Salv risposta ulterjuri.

B'rikors ipprezentat quddiem dina l-Qorti, l-attrici talbet li dawn il-proceduri ta' separazzjoni jigu kkonvertiti ghall-proceduri ta' divorzju u dan ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**FATTI**

1.L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut u kienu zzewwgu fit-28 ta' Settembru, 2001. Fil-15 ta' Novembru, 2003 kellhom tifel li llum huwa maggorenni u jghix il-Filippini.

L-attrici tispjega li hi u binha kienu gew abbandunati mill-konvenut cirka tlettax-il sena ilu u kienet ilha ma tarah minn dakinhar u lanqas taf fejn jinstab illum, izda l-ahhar li kellha informazzjoni kien jinstab f'Abu Dhabi.

Minhabba li ghadda dan iz-zmien kollu, l-attrici ssostni li m'hemmx l-icken possibilita' ta' rikonciljazzjoni.

**Divorzju**

L-attrici qed titlob li dawn il-proceduri jigu kkonvertiti f'divorzju, liema talba giet akkolta.

Sabiex jigi kkonfermat li hemm lok ghad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jehtieg li jirrizulta li l-partijiet ilhom isseparati ghal

iktar minn erba' snin u li m' hemmx tama ta' rikonciljazzjoni. Irid jirrizulta ukoll li m'hemmx problemi ta' manteniment.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ilhom isseparati ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena u l-attrici tikkonferma li peress li qatt ma semghet minn ghand il-konvenut u lanqas taf fejn kien jinstab, ma kienx ghad hemm cans ta' rikonciljazzjoni.

Ma jirrizultax li kien hemm problemi dwar hlasijiet ta' manteniment, ghaliex lanqas ma tressqu provi f'dan is-sens.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Settembru, 2001 u kellhom tifel EAA li llum huwa maggorenni u jghix il-Filippini.

Il-konvenut kien abbanduna lill-attrici u binhom cirka tlettax-il sena ilu u ghalkemm l-attrici taf li l-konvenut kien ghamel xi zmien ighix Abu Dhabi, illum ma tafx fejn jinstab u lanqas qatt ma ghamel kuntatt maghha ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena.

Jirrizulta li minhabba dan l-abbandun, l-attrici tizgura lil dina l-Qorti li m'hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni.

Ma tressqux provi dwar hlasijiet ta' manteniment u di piu' llum it-tifel semmai huwa maggorenni u ma jirrizultax li ghandu xi interess li jkompli l-istudji tieghu.

Kwantu ghall-komunjoni, ma gew prodotti ebda provi dwar dan, ghalhekk il-Qorti sejra biss tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti qed tigi terminata u likwidata billi kull proprjeta' formanti parti mill-istess tigi assenjata lil dik il-parti illi ghandha pussess effettiv taghha, jew li qeghdha registrata f'isem dik il-parti.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tipronunzja l-hall ta’ dan iz-zwieg ai termini tal-Artikoku 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.Tilqa’ tieni u t-tielet talba attrici sa fejn applikabbli peress li ma tressqux provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti.

3.Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, b’dana illi d-drittijiet tal-kuraturi jigu provisorjament imhallsa mir-Registratur.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**